# GERUSALEM IL-BELT IMQADDSA (1)

Il-kotra l-kbira ta' dawk li kienu jagħmlu l-Kummissjoni Barranija tal-Ġnus Magħquda, fuq il-Palestina, uriet ix-xewqa tagħha, fir-Rapport, li Ġerusalem ma tkunx belt tal-Lhud, jew belt tal-Għarab, imma titqiegħed taħt il-ħarsien u l-jedd Internazjonali. Hekk Ġerusalem kienet tkun *Corpus Separatum*, jiġifieri biċċa art mifruda għaliha weħedha, bla suldati, u ma hi ta' ħadd u hi ta' kull ħadd. Din ix-xewqa kienet milqugħa mill-Ġemgħa tal-Ġnus Magħquda, f'Novembru tas-sena 1947, imma wara ma ġietx imħaddma. Bħal issa l-qagħda ta' Ġerusalem hi li tinsab maqsuma fi tnejn: belt tal-Lhud u belt tal-Għarab.

Kif kien il-ħsieb tal-Ġnus Magħquda, il-belt Għalanija jew *Internazjonali* ta' Ġerusalem, kellha tkun taħt il-jedd ta' Ħakem, jew *Gvernatur* magħżul mill-Ġnus Magħquda, u msieħeb minn *Kunsill Esekutiv*, jew ġemgħa ta' nies, li jaqtgħu x'għandu jsir, maħtura minn bejn iż-żewġ xorta ta' għammâra, Lhud u Għarab u nies oħra li jkollhom x'jaqsmu mal-belt; b'liġijiet u Qorti, magħmula minn dawna, u b'Pulizija barranîn (la Lhud anqas Għarab), miktuba u mħarrġa barra mill-pajjiż. Il-għammara ta' Ġerusalem jistgħu jkunu beltija, jew *Ċittadini* tal-Ġens Lhudi jew tal-Ġens Għarbi, imma jekk ikunu jridu, jistgħu jkunu wkoll beltija ta' Ġerusalem. L-aqwa fost id-dmirijiet tal-Ħakem, ikun li jħares l-Imkejjen Imqaddsa, ikunu ta' liema Djiena jkunu, u jżomm il-jedd taddħul fihom għal kull ħadd.

L-Aġenzija Lhudija għal Palestina, dak iż-żmien, laqgħet din ix-xewqa tal-Ġemgħa, imma laqegħtha fuq il-qalb, u biex il-biċċa tfittex toqgħod. Il-Għarab mill-ewwel ma riduhiex, u taw ruħhom biex b'kull wast ma jħalluhiex isseħħ (2). It-tiġrib tal-Ingliżi, li dak iż-żmien kien għad għandhom fi ħsiebhom il-Palestina, u tal-Ġnus Magħquda, biex Ġerusalem tibqa' *newtrali*, jiġifieri ma' ħadd, fil-ġlied li kien mistenni li jaqbad, safa fix-xejn; u saħansitra qabel ma l-Qawwiet Ingliżi telqu mill-Palestina, f'Mejju 1948, il-belt ta' Ġerusalem u t-toroq li jieħdu għaliha, kienu l-aqwa għanijiet taż-żewġ ġnus gellieda fit-taqbid tal-Indipendenza.

Fis-sena 1949 il-Ġemgħa tal-Ġnus Magħquda kellha tifli r-*rapport*, jew stqarrija, tal-Kummissjoni għat-Taħbîb (bejn il-ġellieda tal-Palestina) fuq il-ġejjien ta' Ġerusalem. Kien hemm tâma li l-Kummissjoni kellha tbiġġel l-offerta ta' qabel: jiġifieri li titwaqqaf Setgħa Għalanija jew *Awtorità Internazjonali*, taħt il-jedd tal-Kunsill, li kien ikollha x'taqsam biss mal-Imkejjen Imqaddsa u l-jeddijiet tax-Xirkiet Reliġjużi. Il-Lhud stqarrew li kienu jridu Setgħa bħal din, li kien ikollha taħt idejha wkoll il-Ħarsien tal-Imkejjen Imqaddsa fin-nħawi kollha tal-Palestina maqsuma (3). U stqarrew ukoll ir-rieda tagħhom li jwegħdu ħarsien u garanzijiet, li x-Xirkiet Reliġjużi kollha jkollhom il-

ħalla jew *libertà* li jagħmlu d-dmirijiet tagħhom. Imma dil-proposta kienet imwarrba, u nġiebet bdielha *risoluzjoni drastka* tal-ħjiel tal-*Corpus Separatum* tas-sena 1947: jiġifieri li Ġerusalem kellha tkun maqtugħa għaliha weħedha. Dil-proposta ġiebet biss maġġuranza ta' tlieta minn kull erba' voti. Ir-Re Għabd-Alla tal-Ġordanja, li l-qawwiet tiegħu kellhom taħt idejhom it-taqsima L-akbar ħtija tat-tħassib tal-Ġnus Magħqudin fuq il-ġejjien ta' Ġerusalem, huma l-Imkejjen Imqaddsa. Dawn l-Imkejjen qishom kollha qegħdin fl-art li tmiss lis-saltna tal-Ġordanja. It-tliet Imqâdes il-Kbar — il-Qabar ta' Kristu, tal-Insara; Ħaram ix-Xerif, tal-Misilmin; u l-Ħajt tat-Tempju, tal-Lhud (5) — kollha jinsabu ġewwa l-belt, mis-swar 'il ġewwa. Tlieta biss mill-Imkejjen Im-



*Dehra ta' Ġerusalem minn fuq Ġebel iż-Żejtun, Quddiem nett is-sur. Warajh, Ħaram ix-Xerif jew il-wetja fejn kien it-Tempju. Il-koppla ta' fin-nofs: il-knisja l-kbira tal-Misilmin, mibnija fuq il-blata fejn kien l-artal tat-Tempju tal-Lhud fi żmien Kristu. Fuq nett, fil-għoli, il-kampnar tal-Franġiskani ta' Ġeżu.*

ta' Ġerusalem mis-swar 'il ġewwa u r-rħula Xerqija ta' qribhom, stqarr li hu jqis dik it-taqsima bħala sehem mis-saltna tiegħu, u kull tiġriba li ssir biex issirilha ħakma għaliha, u tittieħed mill-ħakma Għarbija, kienet tkun milqugħa bis-saħħa tal-ġlied(4). qaddsa jinsabu taħt idejn il-Lhud: iċ-Ċenaklu, fuq Sijon; il-Għar tat-Twelid ta' San Ġwann, f'Għajn Karem; u Dejr is-Salib, qrib Mamilla (6). Barra mill-Ħajt tat-Tempju, żewġ Imkejjen Imqaddsa oħra li mdorrijin iżuruhom il-Lhud, huma wkoll f'idejn il-Għarab: il-Qabar ta'

Rakel, fi triq Betlehem, u Qabar Abraham, ġewwa Hebron. Hekk ukoll f'idejn il-Għarab huwa l-Maqbar il-Kbir tal-Lhud fil-wied ta' Kidron u fuq ġnieb Ġebel iż-Żejtun (7).

Għal hekk il-Lhud huma mħassba daqs l-Insara u jixtiequ li l-jeddijiet tal-Imkejjen Imqaddsa jkunu mħarsa bis-saħħa tal-Ġnus Magħquda. Iddħul għat-talb mal-Ħajt tat-Tempju, li kien minn mijiet ta' snin Maqdes għal-Lhud (8) issa jinsabu maqtugħin minnu għal kollox, sa mill-bidu tat-taqbid, fis-sena 1948.

Kif sejra tkun Ġerusalem, għadu ma nqatax mill-Ġnus Magħquda. Bħal issa kull ma qiegħed isir, kollu b'raj iż-żewġt iġnus, tal-Lhud u tal-Għarab, li qegħdin jgħixu fiha, mifrudin minn xulxin. Ġerusalem ma għadhiex kif fissirha David fis-Salmi: "Belt mibnija għaqda waħda." Minn meta Israel sar ġens għalih fis-sena 1948, inqasmet f'żewġt ibliet, belt tal-Lhud u belt tal-Għarab, mifruda bla ħniena minn xulxin. Il-firda ta' bejniethom, xi mkejjen, m'hix awsa' minn wisa' ta' triq, imma min ifettillu jgħaddi min-naħa għall-oħra, ikun fit-tiġrib li jitlef ħajtu (9). Jista' jkun li xi suldat tal-għassa fuq isswar jiftaħ in-nar fuqu u joqtlu fejn ikun.

Isem il-belt bħal issa messu jkun: "Nofs Ġerusalem", għax għandu x'jaqsam ma' nofs il-belt biss. L-isem Lhudi, *Jeruxalajm*, huwa isem imtenni (jiġifieri: iż-żewġt Ġerusalemijiet), u donnu juri li fil-qedem ukoll kien hemm żewġt ibliet, bħal ma hemm issa. Fiż-żmien li l-Palestina kienet f'idejn l-Ingliżi, ukoll Ġerusalem kienet żewġt ibliet — il-Belt il-qadima u l-belt il-ġdida. Imma kienu żewġt ibliet imħallta b'kollox u għal kollox. Waħda kienet il-belt magħrufa tal-istorja, mis-swar 'il ġewwa, li kien fiha l-għoljiet ta' Sijon u l-Morija, b'toroq dojoq u mgħawwġa, imsaqqfa, maħmuġa u midlâma, b'għadd kbir ta' Mkejjen Imqaddsa; l-oħra kienet il-belt ta' daż-żmien: bla storja, b'bini kbir u sabiħ, toroq wesgħin u ndaf u mżejna bis-siġar u miżgħuda bil-ħwienet u l-karozzi. Ġerusalem kienet qisha l-belt t'alla Janus, b'żewġt uċuħ. Issa l-belt il-qadima msemmija Quds ix-Xerif (10) jiġifieri l-belt Imqaddsa u Mixhura. Il-ġdida baqgħet jisimha Ġerusalem, u qegħda n-naħa ta' Israel, u hi tlieta u tletin darba akbar mill-Qadima.

---

(1) Din il-kitba qlibniha għal Malti minn ktieb żgħir maħruġ mir-Rħieb Franġiskani tal-Kanada. Kif jidher minn xi kliem li fih, min kitibha, huwa mmejjel lejn il-Lhud, u qatt ma għêx fil-Palestina; ara n-noti li ġejjin, li huma kollha tal-Editur ta' dal-Qari.

(2). Il-għammâra tal-Palestina li jgħidulhom "Għarab", ma humiex tassew Għarab. Huma n-nisel tan-nies ewlenija li kien hemm f'dik l-art, qabel ma daħlu fiha l-Lhud, li ġieb Mosè. Il-Lhud daħlu l-Palestina ma' Mosè u reġgħu telqu minn hemm fi żmien ir-Rumani (*wara t-tixwixa ta' Bar-Kokba,* fis-sena 135), imma l-"Għarab" baqgħu hemm dejjem. Għal liema raġuni, mela, kellhom iċiedu lil barrâni il-jedd sħiħ fuq art twelidhom?

(3) Ħâġa naturali li lil-Lhud għoġbithom Setgħa bħal din. Għalihom kien jaqbel kull tnaqqis, żgħir kemm hu żgħir (għall-ewwel) mill-jedd tal-"Għarab", għax kull ma jonqos mill-jedd tal-"Għarab" kien jiżdied fil-jedd tagħhom. Dak li tieħu minn ħwejjeġ in-nies, dejjem rebħ.

(4) Tista' tagħtih ħtija fuq hekk, lir-Re Ghabd-Alla? Daqs kemm ikollok ħtija int, jekk ma tridx tagħti l-jedd lil xi ħadd barrâni li jidħol u joħroġ kemm irid fis-sâla l-kbira ta' dârek!

(5) Il-Ħajt tat-Tempju msemmi hawn huwa l-ħajt ta' Ħaram ix-Xerîf. Jekk il-Ħaram, kif stqarr minn rajh il-kittieb, huwa l-Maqdes il-kbir tal-Misilmîn, il-ħajt tiegħu għax għandu jkun tal-Lhud? Għal hekk donnu li min kiteb dil-kitba ma jafhiex lil Ġerusalem, u Ħaram ix-Xerif u l-Weta tat-Tempju jaħsibhom żewġ postijiet magħżula.

(6) U l-Bażilka ta' fuq it-Tabor, u l-Knisja ta' Kâna, u l-Ħerba tas-Sinagoga ta' Kafar-Nahûm, fejn kien jippredka Gesù, u d-Dar tal-Madonna f'Nazareth, u l-Knisja ta-Karmelu fuq Ħajfa, li huma kollha fl-art li qabdu l-Lhud, għax ma semmihomx il-kittieb? Jewilla m'humiex magħna? Dawn m'humiex imkejjen Imqaddsa wkoll?

(7) In-*nota dominanti* tal-kittieb hija li l-Lhud u l-"Għarab" fil-Palestina qegħdin *on equal terms;* imma fis-sewwa, minn żmien bla magħruf, il-Palestina, jew l-Art ta' Kangħân, kienet dejjem ta' dawk in-nies li minn żmien 'il hawn jgħidulhom "Għarab". Din hi ħaġa magħrufa, u biex kemm jista' jkun ibiġġilha. Ben Gurjon, ftit xhur ilu, ħareġ b'tejorija ġdida: li l-Lhud li daħlu l-Palestina ma' Mosè ma kienux aktar minn xi sitt mija; u sitt mija ma setgħux jagħlbu l-eluf kbar ta' Kangħanîn li kien hemm f'dik l-art; mela (dejjem kliem Ben Gurjon), kien hemm għadd kbir ta' Lhud, sa minn qabel, fil-Palestina. Ara għadd 3, 1960, ta' dal-Qari, f. 95.

(8) Minn kemm mijiet ta' snin? San Ġlormu, għal ħabta tas-sena 410 igħid li l-Lhud kienu jħallsu l-flus lis-suldati Rumani biex iħalluhom jidħlu jibku fuq il-ħerba tat-Tempju, darba fis-sena. U Benjamin de Tudela fis-seklu Tnax (sewwa sew fis-sena 1163), isemmi wkoll did-drawwa. Fi żmien Rabbi Benjamin kien hemm Lhud fil-Palestina 1,900, kollha foqra. Il-permess maż-żmien, isir jedd!

(9) Dan minnu u aktar milli minnu. Ftit snin ilu wieħed korrispondent Amerikân, għax mar iħâres minn fuq il-*barbed wire,* spara għalih suldat minn fuq is-sur u qatlu hemm fejn kien.

(10) Mhux issa biss imsemmija: "Al-Quds", imma minn żmien bla magħruf.

## *L-Arcisqof Anglikan izur lil Frangiskani*

F'Novembru li għadda, il-Primât Anglikân tal-Ingilterra, l-Arċisqof ta' Canterbury Dr. Geoffrey Fisher, għadda Ġerusalem wara li żâr lil Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Kostantinôpli. Dr. Fisher kif kien Ġerusalem, talab li jagħmel żjara lil Pâtri Kustôdju tal-Art Imqaddsa, ir-Rev.mu P. Alberto Polidori, O.F.M. u t-talba tiegħu kienet milqugħa bil-ferħa. Dr. Fisher wasal id-Dejr il-Kbîr ta' San Salvatur għal ħabta ta' nofs inhar, imsieħeb ma' l-Isqof Anglikân ta' Ġerusalem u ma' xi qassisin tiegħu. Qagħad mal-Franġiskani, jitħaddet magħhom, qisu għal xi siegħa, u ħadu r-ritratt flimkien. Qabel ma telaq xtaq li jara l-Bibljoteka tagħhom, fejn kiteb ismu fir-reġistru li hemm għal daqs hekk. Il-Patri Kustodju hemiżlu fuq sidru s salib tad-deheb taż-żawwarîn tat-Terra Santa.

Ingħażel mill-Franġiskâni kollu ferħân u hieni b'dik iż żjara, u qabel telaq qalilhom, u stqarr ukoll barra mal-ħbieb tiegħu, li s-siegħa li qagħad mal-Franġiskâni kienet waħda mill-aktar siegħât sbieħ li għadda kemm dâm fl-Art Imqaddsa.

Malli wasal Londra, Dr. Fisher, kiteb lil Patri Kustôdju fejn izzih ħajr għall-imġieba tajba tiegħu u ta' sħabu, u xtâq lilu u lilhom il-Milied it-Tajjeb u s-Sena t-Tajba.

---

**Marija Tereza Attard minn Ħaż-Żabbar tagħti 10/- lid-Duluri tal-Kalvarju f'Ġerusalem għall-grazzja li qalgħet.**